

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2006/2018 (BUD)**

13.9.2006

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2007  
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Anne E. Jensen

PA\_NonLeg

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### *Introduzzjoni*

Din is-sena baġitarja hija l-ewwel sena fil-perjodu l-ġdid (2007-2013) tal-Qafas Finanzjarju. Is-sura ta' l-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB), b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam man-Netzwerke Transewropej ta' Transport (TEN-T), ġiet stabbilita mill-adozzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-Prospettiva Finanzjarja. Hemm numru ta' kwistjonijiet pendenti li jeħtieġu jiġu indirizzati fil-kuntest tal-proċedura baġitarja ta' l-2007 inkluża TEN-T u ffinanzjar adegwat għall-aġenziji relatati mat-transport.

Il-Kunsill adotta l-Abbozz ta' Baġit f'Lulju 2006 u huwa fuq dan id-dokument li r-rapporteur għal opinjoni tagħkom se tibbaża l-emendi proposti tagħha. Sakemm ma jsirux ġustifikazzjonijiet konvinċenti kontra dan, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom se ddaħħal emendi biex jiddaħħlu mill-ġdid l-ammonti proposti fil-PDB. Hi se tikkunsidra wkoll li jiddaħħlu emendi oħra bbażati fuq l-analiżi tagħha tal-PDB t'hawn isfel u fuq id-diskussjonijiet tagħha ma' partijiet oħra, inklużi l-Aġenziji għat-transport.

### *Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni (06 02 01)*

Il-PDB jipproponi żieda ta' 15.6% f'approprjazzjonijiet ta' ħlas u ta' impenn għat-Titoli 1 (l-ispejjeż ta' l-istaff u dawk relatati) u 2 (spejjeż ta' infrastruttura u ta' amministrazzjoni) sabiex iġibhom għal total ta' EUR 14,200,200 għal kull tip ta' approprjazzjoni. Iż-żieda għal Titolu 3 (attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u attivitajiet operattivi oħra) hija ta' 6.3%. It-total għat-Titoli kollha ta' EUR 24,530,000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn huwa EUR 2,470,000 anqas minn dak mitlub mill-Aġenzija. Dan it-total jirrappreżenta 35.5% tad-dħul ta' l-Aġenzija għall-2007. Fl-2005 u fl-2006 kien hemm problemi bl-implimentazzjoni tas-sistema ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet u l-Ħlasijiet. Peress li dawn il-problemi jagħmlu r-rata ta' dħul irregolari, ikun xieraq li tinstab soluzzjoni simili għal dik li nstabet għall-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini. L-Aġenzija EASA għandha l-intenzjoni li testendi l-attivitajiet tagħha fl-2007 fil-qasam ta' l-Operazzjonijiet ta' l-Ajru, il-Liċenzjar ta' l-Ekwipaġġ fuq Titjiriet u l-Evalwazzjoni tas-Sikurezza ta' Ajruplani Barranin. Tqajmu mistoqsijiet mill-midja dwar jekk l-EASA għandhiex ir-riżorsi xierqa għal dawn ix-xogħlijiet.

### *L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima (06 02 02)*

L-Aġenzija EMSA għandha żieda fl-iffinanzjar amministrattiv ta' 13.5% fil-PDB iżda għall-infiq operattiv kull m'hemm hi żieda ta' 1.5%. Fil-fatt, l-approprjazzjonijiet għall-miżuri kontra t-tniġġis jonqsu b'16%. L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas jilhqg total ta' EUR 43,100,000. L-EMSA hija kompletament iffinanzjata mill-UE. Il-proposta tal-Kummissjoni hija fil-fatt fit fit mit-talba ta' l-Aġenzija.

L-objettiv ewlieni ta' l-Aġenzija fl-2007 huwa li tistabbilixxi ċentru operattiv permanenti li jaħdem 24 siegħa kuljum. Dan jitlob 15-il impjegat aktar. Il-kopertura minn bastimenti għall-ġbir taż-żejt se tiġi estiża lejn il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Irlandiż u l-Baħar l-Iswed fuq bażi ta' kuntratt għal tliet snin. B'hekk in-netwerk se jiġi komplut.

*Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u l-Interoperabilità tal-ferroviji (06 02 08)*

Approprjazzjonijiet amministrattivi taħt it-Titoli 1 u 2 jiżdiedu bi 12.2% għal EUR 12,400,000, għal approprjazzjonijiet u impenji, filwaqt li l-approprjazzjonijiet operattivi taħt it-Titolu 3, kemm għall-impenji kif ukoll għall-ħlasijiet, jiżdiedu b'24.9% għal EUR 4,245,000. S'issa għad m'hemm l-ebda kontribuzzjoni għan-nefqa minn pajjiżi terzi.

Fl-2007 l-għan huwa li tissaħħaħ il-kompetenza tagħha biex tappoġġja l-Kummissjoni fil-qasam ta' l-implimentazzjoni tal-leġislażzjoni tal-KE dwar l-interoperabilità tal-linji tal-ferrovija u s-Sistema Ewropea għall-Immaniġġjar tat-Traffiku Ferrovjarju.

Għat-tliet aġenziji msemmija hawn fuq iż-żidiet fl-approprjazzjonijiet tat-Titoli 1 u 2 huma marbutin ma' l-ispejjeż tal-bidu, mat-trasferimenti tas-sede, ma' l-ilħuq ta' l-ammont ta' staff ippjanat, u ma' l-impjegar ippjanat skond il-kompetenzi ġodda fl-oqsma rispettivi tagħhom.

*Netwerks Transewropej – Aġenzija Eżekuttiva (06 01 04 31)*

Għad m'hemmx bażi legali għal din l-aġenzija. Il-Kummissjoni tipproponi EUR 8,617,000 f'approprjazzjonijiet mhux differenzjati għall-2007, żieda ta' 28.3%. L-Aġenzija tkun entità teknika ta' mmaniġġjar li tivverifika wkoll il-konformità ta' proġetti mar-regoli dwar l-assistenza.

*Sikurezza fit-Trasport (06 02 03)*

Hawnhekk qed jiġi propost tnaqqis drastiku ta' 44.7% f'approprjazzjonijiet ta' impenn, u 15.1% fl-approprjazzjonijiet ta' ħlas (minn EUR 18,080,000 sa EUR 10,000,000 u EUR 17,080,000 sa EUR 14,500,000, rispettivament). L-istorja ta' din il-linja hija waħda ta' użu baxx ta' l-approprjazzjonijiet. Il-Kummissjoni targumenta li ħafna mid-dmirijiet tagħha issa qed jitwettqu mill-aġenziji varji u li f'it proġetti Ewropej ġew proposti li fuqhom jistgħu jintefqu l-fondi. Madankollu, is-somma proposta għall-impennji hija inqas mill-ammont użat fl-2005.

*Marco Polo II (06 02 06)*

Hawn qed jinbenda programm ġdid fil-qafas tal-Prospettiva Finanzjarja għall-2007-2013. Il-proposta hija għal EUR 55,775,000 f'impenji u EUR 5,000,000 fi ħlasijiet fl-ewwel sena tal-programm. L-objettiv hu li jiġi ffaċilitat it-trasferiment tat-traffiku mit-triq għall-modi oħra u li jiġu żviluppati t-"rotot tal-baħar". Meta l-approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-Marco Polo II jiżdiedu ma' dawk għall-Marco Polo I fl-2007, in-nefqa fl-2007 tiżdied b'29 %. Linja relatata hija

*Suq Intern u Ottimizzazzjoni tan-Netwerks ta' Trasport (06 02 04 01)*

Din il-linja hija għall-ġbir ta' dejta u statistika biex jgħinu l-interoperabilità u l-iżvilupp ta' sistemi intelliġenti għat-trasport. Approprjazzjonijiet ta' impenn juru tnaqqis ta' 27.8% minn EUR 9,000,000 għal EUR 6,500,000.

*Awtorità ta' Superviżjoni Galileo (06 02 09 01)*

Qed tiġi inkluża żieda drastika ħafna fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas ta' 159% fil-PDB għall-amministrazzjoni taħt it-Titoli 1 u 2. It-tnejn jitilgħu minn EUR 2,500,000 fl-2006 għal EUR 5,800,000 fl-2007. Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet taħt it-Titolu 3, minn EUR 2,500,000 għal EUR 2,625,000 jew 5% hija b' mod konsiderevoli aktar modesta. Iż-żieda globali hija inqas minn dik mitluba mill-Aġenzija. L-Aġenzija hija kompletament ifffinanzjata mill-Komunità.

Iż-żieda fin-nefqa tirriżulta mit-trasferiment ta' postijiet u minn żieda fin-numru ta' tagħhom mill-intrapriża Galileo għall-awtorità ta' sorveljanza. Iż-żieda netta, tinkludi l-istaff kuntrattwali, tidher li hi minn 39 għal 53. L-ispejjeż operazzjonali jmorru primarjament fuq studji xjentifiċi u tekniċi.

#### *Programm Galileo (06 02 10)*

L-2007 hija l-ewwel sena fejn qed jidher l-infiq fuq din il-linja. Qed jidhru EUR 100,000,000 kemm għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għal dawk ta' ħlas. It-titolu f'it jew wisq m'huwix definizzjoni eżatta peress li qed jitkoprew żewġ programmi, il-Galileo u l-EGNOS. Dawn il-fondi se jkunu disponibbli għall-Awtorità ta' Sorveljanza biex jgħinu fl-ewwel fażijiet organizzattivi u operattivi. Dan il-programm se jkun finanzjat minn sorsi pubbliċi u privati.

#### *Netwerks Transewropej ta' Trasport (06 03 01 u 06 03 03)*

L-ewwel linja, 06 03 01, tikkonċerna proġetti ffinanzjati skond ir-regolamenti eżistenti u fil-Prospettiva Finanzjarja għall-perjodu 999-2006. Dawn jinkludu t-30 proġett ta' prijorità identifikati fid-Deċiżjoni 884/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-Netwerk ta' Trasport Transewropew<sup>1</sup>. Ma ġew proposti l-ebda appropriazzjonijiet ta' impenn għall-2007 u l-appropriazzjonijiet ta' ħlas tnaqqsu bi 48.1%. Fl-2007 ħafna mill-attività finanzjarja se tkun fil-linja l-għdida, 06 03 03. L-akbar punti ta' nfiq fil-passat qrib kienu l-Galileo u l-istudji għall-mina ta' Mt Cenis (Franza); it-Trejn ta' Veloċità Qawwija Madrid-Barċelona-Perpignan-Montpellier u l-mina Brenner.

L-ammont propost taħt il-linja l-għdida għall-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2007 huwa ta' EUR 817,383,000. Mhu qed jiġi propost xejn f'appropriazzjonijiet ta' ħlas. Jekk jittieħdu ż-żewġ linji flimkien, hemm żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn ta' 22% u tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas ta' 42%. F'parti minnhom dawn huma dovuti għall-fatt li l-Galileo issa għandu l-linja ta' nfiq tiegħu stess. Il-PDB ma jagħtix dettalji dwar il-prijoritajiet jew ifffinanzjar mill-2007. Madankollu, jissuġġerixxi li se jkun hemm intervent massimu aktar baxx minn dak propost oriġinarjament mill-Kummissjoni; dak l-infiq se jiġi kkonċentrat fuq sezzjonijiet ta' proġetti li jaqsmu l-fruntieri; l-Immaniġġjar Ewropew tat-Traffiku Ferrovjarju; l-Immaniġġjar Ewropew tat-Traffiku ta' l-Ajru (SESAR); Servizzi ta' Informazzjoni dwar ix-Xmajjar; u l-istrument TEN-T għall-garanzija ta' self.

Hemm żewġ kwistjonijiet pendenti konnessi bejniethom f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-

---

<sup>1</sup> ĠU L 167, 30.4.2004, p. 1.

iffinanzjar tat-TEN-T mill-baġit ta' l-UE. L-ewwel nett, ladarba dan l-iffinanzjar tnaqqas għall-perjodu 2007-2013 għal bejn wieħed u ieħor terz minn dak li oriġinarjament ġie identifikat bħala meħtieġ, kif se jintuża, liema sezzjonijiet u proġetti se jkollhom prijorità u din kif se tiġi stabbilita. It-tieni nett, ladarba l-maġġoranza sew tas-sehem ta' l-investiment trid tiġi mill-baġits nazzjonali, x'inhuma l-prijoritajiet reali għall-investiment TEN-T ta' l-Istati Membri. Hemm bżonn li jkun hemm ċertezza konsiderevoli dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet qabel ma jkun jista' jiġi adottat il-baġit u qabel ma jiġu impenjati l-fondi ta' l-UE. Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom se tqis jekk ikunx xieraq li jitpoġġew ammonti fir-riżerva fuq din il-linja sakemm jasal iż-żmien meta tinkiseb iċ-ċarezza dwar dawn il-kwistjonijiet.

*Sikurezza fit-Trasport (06 07 02)*

L-impenji tnaqqsu minn EUR 4,500,000 għal EUR 4,000,000 u l-appropriazzjonijiet ta' ħlas jibqgħu EUR 3,500,000. Fl-2005 il-linja ħallset għal 24 spezzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni u ta' l-ajruporti u 10 spezzjonijiet marittimi. Minħabba l-abozz ta' regolament il-ġdid dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni li bħalissa qed jiġi eżaminat fil-Parlament huwa diffiċli li wieħed jara għalfejn jistgħu jitnaqqsu l-appropriazzjonijiet ta' ħlas.

*Proġett pilota dwar is-sikurezza fit-toroq fin-Netwerk Trans-Ewropew (06 07 02)*

Din il-linja ddaħħlet permezz ta' emenda Parlamentari. Mhu qed jiġu proposti l-ebda impenji għall-2007 u l-ħlasijiet tnaqqsu għal EUR 3,600,000, tnaqqis ta' 100% (fuq EUR 5,500,000) u 34.5% rispettivament. Fid-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-baġit mhu qed tingħata l-ebda raġuni dwar dan.

Sakemm joħroġ ir-rapport dwar il-progress tal-PP, ir-rapporteur għal opinjoni se tikkunsidra jekk hemmx bżonn ta' impenji għall-2007.

## PROĊEDURA

|   |   |           |           |
|---|---|-----------|-----------|
| <b>Titolu</b>   | L-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - Kummissjoni   |           |           |
| <b>Numru tal-proċedura</b>  | 2006/2018(INI)  |           |           |
| <b>Kumitat responsabbli</b>   | BUDG  |           |           |
| <b>Opinjoni mogħtija minn</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja         | TRAN  |           |           |
| <b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>    |   |           |           |
| <b>Rapporteur għal opinjoni</b><br>Data tal-ħatra                             | Anne E. Jensen<br>24.2.2006   |           |           |
| <b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>                                    |   |           |           |
| <b>Eżami fil-kumitat</b>  | 20.6.2006   | 11.7.2006 | 12.9.2006 |
| <b>Data ta' l-adozzjoni</b>   | 12.9.2006   |           |           |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | +: 27   | –: 1      | 0: 0      |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                | Gabriele Albertini, Margrete Auken, Paolo Costa, Michael Cramer, Arūnas Degutis, Robert Evans, Emanuel Jardim Fernandes, Luis de Grandes Pascual, Mathieu Grosch, Stanisław Jałowicki, Georg Jarzembowski, Dieter-Lebrecht Koch, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Robert Navarro, Willi Piecyk, Luís Queiró, Reinhard Rack, Dirk Sterckx, Marta Vincenzi, Corien Wortmann-Kool |           |           |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Den Dover, Anne E. Jensen, Zita Pleštinská, Willem Schuth   |           |           |
| <b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Othmar Karas, Brian Simpson   |           |           |
| <b>Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>                             |   |           |           |